# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 4 ta' Gunju 2025**

**Kumpilazzjoni Numru: 389/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Silvio Attard**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Silvio Attard ta' 38 sena iben Joseph u Rita xebba Farrugia imwieled nhar it-28 ta' Frar 1982 gewwa l-Pieta, Malta residenti Qasam tal-Menhir Blk F, 83 Joerit, Triq San Pietru, Kirkop, u detentur tal-karta tal-identita Maltija numru 0162282M

Akkuzat talli:

1. nhar it-tnax (12) t' Awwissu elfejn u ghoxrin (2020) gewwa Triq San Pietru, Kirkop u/jew f'inhawi ohra fil-gzejjer Maltin minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' ohtu Claudette Callus f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' ohtu Claudette Callus;

2. u aktar talli nhar it-tnax (12) t'Awwissu elfejn u ghxorin (2020) u fil-jiem ta' qabel ġewwa l-gzejjer Maltin, bl-imgieba tieghu ikkaġuna lil Claudette Callus, ohtu u lil Giuseppe Attard, missieru, biża li se tintuża vjolenza kontrihom;

3. u aktar talli nhar it-tnax (12) t' Awwissu 2020 ghall-habta ta' bejn l-ghaxra u nofs ta' filghodu (10:30hrs) u s-siegha ta' wara nofsinhar (13:00hrs) ġewwa Hal-Kirkop u/jew f'inhawi ohra fil-gzejjer Maltin, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku;

4. aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi ghamel lil Giuseppe Attard u lil Claudette Callus inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk kien provokat, inġurja b'mod li hareg barra mil-limit tal-provokazzjoni

5. aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi minghajr ma darab jew sawwat, hedded bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra Claudette Callus u Giuseppe Attard;

6. aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi f'lok pubbliku, jew miftuh ghall-pubbliku, kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx jista jiehu hsieb tieghu nnifsu

7. ukoll talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi talli kiser ordni ta' Probation moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. J. Demicoli LL.D) nhar id-dsatax (19) ta' Novembru elfejn u ghoxrin (2020)

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija u anke matul il-mori tal-kawza, l-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Claudette Callus u ghas-sigurta ta' Giuseppe Attard u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta ma' Silvio Attard bhala persuna ricediva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'numru ta' sentenzi li gew definittivi u li ma jistghux jigu mibdula

2. Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Semghet is-sottomissjonijiet orali finali tal-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Htija**

5. Fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2021 gie registrat is-segwenti verbal:

*"Il-Qorti in vista tad-dikjarazzjoni tax-xhud Claudette Callus, li tigi oht l-imputat, li tahfer lill-imputat u li ma xtaqitx tixhed f'dawn il-proceduri kontrieh, qed tilqa' t-talba, u qed tezenta lil din ix-xhud milli tixhed. ... ...*

*Il-Qorti in vista tad-dikjarazzjoni tax-xhud Giuseppe Attard li jigi missier l-imputat li jahfer lill-imputat u li ma xtaqx jixhed f'dawn il-proceduri kontrieh, qed tilqa' t-talba u qed tezenta lil dan ix-xhud milli jixhed."*

6. F'dawn il-proceduri xehedu ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-ispettur Roderick Attard, l-ispettur Ritianne Gauci, PC 154 Mark Abdilla, Francesca Cassar u Rachel Farrugia, u it-tabiba Dr Maria Elena Pawley.

7. L-Ufficjal Prosekutur xehed li fit-12 t'Awwissu 2020 ghal habta tat-tmienja neqsin kwart ta' fil-ghaxija (7.45pm), il-Pulizija gew infurmati permezz ta' telefonata anonima, li kien hemm glieda familjarji geww 83, JoeLee, Triq San Pietru, Kirkop. Meta l-Pulizija marru fuq il-post, huma firdu l-partijiet. Joseph Attard qal lill-Pulizija li fil-ghodu l-imputat, li jigi t-tifel tieghu, talbu mija u hamsin Euro (€150.00), pero hu ma kellux minn fejn itih ghax kien pensjonant. Attard qal li l-imputat beda jixrob u mal-hin beda jghajjat, isabbat, joffendieh u jheddu. Attard qal ukoll li f'hin minnhom, l-imputat hebb ghalih b'hadida li kienet fil-karozza, pero ma kienx ferieh. Claudette Callus, li tigi oht l-imputat, ikkorroborat il-verzjoni ta' missierha, u zidiet tghid li meta l-imputat attakka lil missierha b'bicca hadida, hija pruvat izzomm lill-imputat, u fil-process sofriet feriti hfief. Fil-vettura tal-imputat, il-Pulzija sabet jack iswed u hadida ta'lewn il-fidda, li gew elevati.

8. Dr Maria Elena Pawley, tabiba fic-Centru tas-Sahha ta' Hal-Kirkop, ikkonfermat bil-gurament ic-certifikat mediku rilaxxat minnha fit-12 t'Awwissu 2020, fejn iddikjarat li Claudette Callus kienet qed issofri minn griehi hfief, konsistenfi fi grif mal-ghonq, u tbengila fuq il-koxxa tax-xellug.

9. Francesca Cassar u Rachel Farrugia, impjegati fi hdan l-Agenzija Appogg, xehdu dwar r-risk assessment li ghamlu fuq Claudette Callus u Joseph Attard, u ikkonfermaw ir-rapport relattiv taghhom, li insustanza jikkorrobora dak li xhed l-Ufficjal Prosekutur. L-iSpettur Ritanne Gauci u PC154 Mark Abdilla kienu z-zewg ufficjali tal-Pulizija li marru fuq il-post dak in-nhar tal-incident, u wkoll ikkonfermaw in sustanza dak li qal l-Ufficjal Prosekutur.

10. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li kien inqala argument verbali ma' missieru fuq flus, u li f'dan l-argument indahlet ohtu Claudette Callus. Pero hu innega li kien sawwathom u/jew ikkagunalhom xi griehi. Meta hu gie mistoqsi jekk kienx hebb ghal missieru b'zewg hadidiet, hu wiegeb *"lanqas naf dak il-hin."* Huwa innega wkoll li kien fis-sakra jew li kellu problema ta' abbuz ta' alkohol.

11. Mill-provi jirrizulta li fit-12 t'Awwissu 2020, Claudette Callus kienet qed issofri minn feriti hfief. Pero il-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi sufficjenti li jistghu iwasslu persuna ragonevoli tikkonkludi lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-imputat ikkommetta l-imputazzjonijiet li qeghdin jigu addebitati lilu. Kif diga inghad aktar il-fuq,

dan ma garax minhabba xi nuqqas tal-Prosekuzzjoni, li debitament harrket lill-partijiet lezi sabiex jixhdu, izda ghaliex din il-Qorti laqghet it-talba ta' Catherine Callus, oht l-imputat, u ta' Giuseppe Attard, missier l-imputat, sabiex ma jixhdux. Effettivament Claudette Callus xehdet li wara l-incident in kwistjoni, r-relazzjonijiet ta' bejniethom kienu tajbin hafna, fil-waqt li Giuseppe Attard xehed li mid-data tal-incident l-imputat irregistra progress.

12. Fin-nuqqas tax-xhieda tal-partijiet lezi, u cioe ta' l-unika xhieda okulari li kien hemm, il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat, ghalkemm huma provi ammessibbli, huma biss prova ta' l-informazzjoni li l-partijiet lezi taw lil dawn ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni, u li se mai setghu jikkorroboraw ix-xhieda tal-partijiet lezi, kieku dawn xehdu. Pero dawn il-provi wahedhom certament mhux bizzejjed biex iwasslu ghal konkluzjoni ta' htija lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, stante li ma jikkostitwux prova tal-verita tal-fatti li rrakkontaw lilhom il-partijiet lezi. Dawn il-persuni li xehdu kollha hadu l-informazzjoni taghhom minn dak li qalulhom il-partijiet lezi. La darba, il-partijiet lezi ma xehdux, ix-xhieda ta' dawn il-persuni ma tistax tigi ikkontrollata.

13. Min-naha l-ohra waqt l-interrogatorju tieghu, l-imputat cahad l-allegazzjonijiet li qed isiru fil-konfront tieghu.

14. Fid-dawl tas-suespost, l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat ma gewx ippruvati sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**Konkluzjoni**

15. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u qed tilliberah minnhom.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**